# il-Ħuttafa

Numru **185** Novembru - Diċembru 2024



**Brimba Sewda**

Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf

BirdLife MALTA

Klabb Ħuttaf

Aron Tanti



Bufula passajra (subalpine warbler) f' arbuxell tad-deru (lentisk)



# Hohoho Ħuttaf...



## mill-editur

Ilkoll nistennew bil-ħerqa żmien il-Milied, żmien ta' rigali, vaganzi, kuluri, dwal, carols, ikel u parties.

Imma aħna li nħobbu l-ambjent irridu naħsbu wkoll biex kemm jista' jkun ma nagħmlux ħsara żejda f'daż-żmien tas-sena. Waħda mill-aħjar sistemi hi li nippruvaw innaqqsu l-ħela. Il-ħela qatt mhi tajba.

Pereżempju d-dwal tal-Milied huma sbieħ – hemm min beda jżejjen minn nofs Novembru jew anke qabel. Veru li jagħmlu atmosfera sabiħa d-dwal iteptpu filgħaxija imma tajjeb li nkunu bil-għaqal u ma nħalluhomx jixegħlu l-lejl kollu. Tkun idea tajba għalhekk li nqabbdu d-dwal ma' tajmer li jintefa xi ħin filgħaxija, pereżempju f'nofsillejl. U għandhom jagħtu l-eżempju s-sindki u l-kunsilli lokali u ma jħallux it-toroq vojta tar-raħal mixgħulin għalxejn il-lejl kollu.

U fl-istess ħin inkunu qed inħallu l-għasafar jorqdu wkoll.

Ħela oħra hija l-materjal li bih inqartsu r-rigali. Meta nagħtu rigal, mhux il-qartas li jiswa imma x'hemm ġewwa. Veru li jidhru sbieħ bil-kuluri taħt is-siġra imma mbagħad dawn ħa jiċċartu mill-ewwel u jintremew. Jien ili s-snin nuża brown paper, u xorta jinfetħu u jitgawdew ir-rigali. Biex isir il-brown paper iniġġes ħafna inqas minn wrappers ikkuluriti, għax ma jsirlux bleaching, printing, glazing, eċċ. Kull tikka tgħodd!

Nawguralkom Milied sabiħ u sena ġdida mimlija ferħ u affarijiet sbieħ.



Victor Falzon

Victor

Victor Falzon L-Editur

## In this issue...


| | |
|---|---|
| Mill-editur | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| X'għandna mid-dinja? | 3 |
| Kull qalb trid oħra | 4 |
| L-għasafar kollha! | 5 |
| Iżra' u kabbar | 5 |
| Fejn waslu l-fkieren? | 6 |
| Jagħtu! Jagħtu! | 7 |
| Żumbrell Għarbi | 8–9 |
| Pollinators | 10 |
| Colour me! | 11 |
| Art Gallery | 11 |
| Birding in the South | 12 |
| Mid-Djarju ta' Ċistu Roża | 13 |
| Why is it called..? | 13 |
| Sea turtles in the Mediterranean | 14 |
| Il-wiżgħa tad-djar | 15 |
| Il-Mużew tal-Istorja Naturali | 16 |


## Contributors

Desirée Falzon, Victor Falzon, Charlie Matthews, Nathan Gambin, Érica Moura, Ella Spiteri

## Klabb Ħuttaf

Klabb Ħuttaf is the junior (under 16) section of BirdLife Malta. Members

- can attend club activities, like walks, birdwatching, visits to nature reserves, boat trips and work to help nature
- receive *Il-Ħuttafa* every two months.

Your family too can become member, and you will then get *Bird's Eye View* magazine too. Annual subscription is €10 for Klabb Ħuttaf and €20 for Family.

## Contacts


tel **21347645**
**emergency injured bird 79255697**
address **57/28 Triq Abate Rigord Ta' Xbiex XBX 1120**
editor email **victor.falzon@birdlifemalta.org**
general email **info@birdlifemalta.org**
website **www.birdlifemalta.org**


© BirdLife Malta, December 2024


Design and production Victor Falzon
Printed at Poultons on sustainably sourced paper

Reg.Vol.Org. VO/0052


## FUQ QUDDIEM



Ritratt ta' Victor Falzon

### Brimba Sewda

Maltese Spider Orchid *Ophrys melitensis*

Il-brimba sewda hija waħda minn diversi speċi ta' orkidi li jikbru f'Malta. L-orkidi tagħna ma jagħmlux fjuri kbar bħalma tara f'artijiet tropikali, imma xorta sbieħ fiċ-ċokon tagħhom. Mhux biss, imma wħud huma wkoll endemiċi għal pajjiżna, fosthom il-brimba sewda.

# Happy Birthday Dinja Waħda!

Fl-14 Novembru nġabru grupp sabiħ ta' studenti u għalliema fil-lukanda Radisson f'Għajn Tuffieħa. Dakinhar qassamna t-*trophies* lill-iskejjel li ħadu sehem f'Dinja Waħda s-sena l-oħra. Ħames skejjel ħadu platinum, 10 ħadu deheb, 21 ħadu fidda u 19 ħadu bronż. Diversi skejjel oħrajn ħadu wkoll ċertifikat. Prosit u grazzi lil kulħadd.

Din kienet sena speċjali għax dis-sena Dinja Waħda għalqet 30 sena minn meta bdejnieha. Għalhekk kien jixraq li jkollna wkoll kejk biex niċċelebraw!

Minn dis-sena bdilna wkoll id-disinn tat-*trophies*, li issa għandhom ukoll tabella speċjali fuq xiex jitwaħħlu.

Nawguraw lil Dinja Waħda 30 sena oħra ta' attività ambjentali fl-iskejjel. Grazzi lill-impjegati ħabrieki tal-BirdLife li organizzaw kollox, u grazzi wkoll lil BOV, il-partners tagħna f'Dinja Waħda.




il-kejk!




il-miġemgħa!

Yusuf Gamal

## X'għandna mid-dinja?



### Baħar protett

L-Azores huma grupp gżejjer tal-**Portugall** f'nofs l-Oċean Atlantiku. Kemm il-gżejjer stess kif ukoll il-baħar ta' madwarhom huma speċjali għan-natura li tgħix fihom. Xi ġimgħat ilu tħabbar li 287,000km$^2$ ta' baħar madwar l-Azores se jkunu protetti. Fihom ma jkunx jista' jsir iktar sajd, u f'xi nħawi lanqas biss jitħallew jgħaddu vapuri. Il-Portugall issa sar il-pajjiż bl-ikbar Marine Protected Area fl-Ewropa.



### Inqas tniġġis

Ħafna mit-tniġġis tal-arja jiġi minn gassijiet li jissejħu *greenhouse gases*. Dawn il-gassijiet joħorġu fil-biċċa l-kbira mill-power stations li jaħdmu bil-faħam. Il-power stations tal-faħam ftit ftit qed jagħlqu madwar l-Ewropa kollha, u għalhekk it-tniġġis tal-arja bil-*greenhouse gases* qed jonqos. Fl-2023 it-tniġġis tal-arja fl-**Unjoni Ewropea** naqas bi 8.3% meta mqabbel mas-sena ta' qabel. Ir-Renju Unit għalaq l-aħħar power station tal-faħam f'Ottubru. Is-sena d-dieħla jmiss l-Irlanda u Spanja.




it-tabella!

# Kull ♥ trid oħra!

Sensiela ġdida dwar teamwork fin-natura

Desirée Falzon



Aron Tanti

Tajra safra *(golden oriole)* qed tiffanga fil-frott taċ-ċawsli! Min jaf iż-żerriegħa fejn se taqa'!

## Frott mimli zokkor

Kemm hu tajjeb il-frott hux? Speċjalment il-*berries*! Mmm! Min ikun iħobb il-ħelu togħġbu t-togħma tal-frott għax il-frott ikun fih iz-zokkor.

Imma kos, għalfejn il-pjanti joqogħdu jaħlu dak iz-zokkor kollu fil-frott meta dawn se jaqgħu fl-art kif isiru? Mhux aħjar iżommuh fil-weraq u z-zkuk ħalli l-pjanta tkompli tikber?

## X'inhu s-sigriet?

Is-sigriet qiegħed f'xi ħaġa prezzjuża li jkun hemm fil-frotta: **iż-żerriegħa**! Iż-żerriegħa huma t-"tfal" tal-pjanta, u għalhekk il-pjanta jaqblilha tuża ftit riżorsi fuqhom ħalli jikbru fi pjanti oħrajn bħalha. Dan tagħmlu billi taħbi ż-żerriegħa fi frotta bnina mimlija zokkor. Il-frott jieħu ħafna forom differenti, skont il-planta. Jista' jkun frott kbir b'ħafna żerriegħa rqiqa bħall-banana, jew frott iebes bi ftit żerriegħa bħat-tuffieħ, jew frott ħelu u artab bħall-*berries*, u ħafna tipi oħrajn. Imma l-frotta kif tgħin liż-żerriegħa?

## Trick and treat!

Il-frott huwa trikk li l-pjanta tuża biex tinqeda bl-annimali. Meta annimal – pereżempju għasfur – jara *berry* misjura jaf li dik tajba għall-ikel. L-għasafar jużaw ħafna enerġija meta jtiru, allura jkollhom bżonn ikel li jagħtihom l-enerġija. U x'hemm aħjar mill-frott, b'dak iz-zokkor kollu? Meta għasfur jiekol *berry* ġeneralment jiblagħha biż-żerriegħa b'kollox. L-għasafar jitgħallmu jagħrfu frott misjur minn frott nej għax jidraw x'ifissru l-kuluri. Jekk il-*berry* tkun għadha ħadra ma jmissuhiex għax jafu li l-frotta għadha ma saritx. Għalhekk qatt ma jieklu frotta li jkollha żerriegħa għadha mhix lesta.

## X'inhu s-sigriet?

Wara li jdur il-pjanta kollha għall-frott misjur, l-għasfur itir 'l hemm biex ikompli jfittex l-ikel. Sadattant ġismu jibda jagħsar il-frotta u jieħu minnha z-zokkor u l-enerġija. Imma ż-żerriegħa tibqa' sħiħa u tgħaddi mill-imsaren tal-għasfur bla ma ssirilha ħsara. Wara xi nofs siegħa jew iktar, l-għasfur jagħmel tojlit u ż-żerriegħa taqa' fil-ħamrija flimkien mad-*dropping* tal-għasfur. Jekk taqa' f'art tajba, iż-żerriegħa tinbet u tikber pjanta ġdida, kultant bogħod sew minn ommha.

Guido Bonett



Bufula sewda (Sardinian warbler) qed tiekol il-frott tad-deru. L-għasfur kuntent għax qed jimla żaqqu, u d-deru kuntent għax l-għasfur ħa joħodlu ż-żerriegħa 'l bogħod.

## Kulħadd happy!

U b'hekk kulħadd kuntent u moqdi. Il-pjanta nqdiet bl-għasfur biex jifirxilha u jiżragħlha ż-żerriegħa 'l bogħod (bi ftit "kompost" miżjud!). Fl-istess ħin l-għasfur inqeda bil-pjanta għax ħa l-enerġija mill-frotta.

Kemm hi brava n-natura hux!



L-aktar speċi riċenti – numru 406 – ġibnieha f'*Il-Ħuttafa* ta' qabel din, tiftakru?

# L-Għasafar KOLLHA ta' Malta

F'Malta s'issa dehru **406 speċi** ta' għasafar. Xi speċi huma komuni, oħrajn rari, uħud iżuruna ftit ġranet fis-sena, oħrajn jgħixu magħna s-sena kollha. F'dis-sensiela qed inġibu l-lista kollha, u dawn huma **Numri 161 sa 170**...

161 
Isem Malti
**Gawwija Prima**
Isem Ingliż
**Yellow-legged Gull**
Isem xjentifiku
*Larus michahellis*

162 
Isem Malti
**Gawwija tal-Kaspju**
Isem Ingliż
**Caspian Gull**
Isem xjentifiku
*Larus cachinnans*

163 
Isem Malti
**Gawwija Bajda**
Isem Ingliż
**Glaucous Gull**
Isem xjentifiku
*Larus hyperboreus*

164 
Isem Malti
**Ċirlewwa Żgħira**
Isem Ingliż
**Little Tern**
Isem xjentifiku
*Sternula albifrons*

165 
Isem Malti
**Ċirlewwa Bumunqar**
Isem Ingliż
**Common Gull-billed Tern**
Isem xjentifiku
*Gelochelidon nilotica*

166 
Isem Malti
**Ċirlewwa Prima**
Isem Ingliż
**Caspian Tern**
Isem xjentifiku
*Hydroprogne caspia*

167 
Isem Malti
**Ċirlewwa tal-Mustaċċi**
Isem Ingliż
**Whiskered Tern**
Isem xjentifiku
*Chlidonias hybrida*

168 
Isem Malti
**Ċirlewwa tal-Lvant**
Isem Ingliż
**White-winged Tern**
Isem xjentifiku
*Chlidonias leucopterus*

169 
Isem Malti
**Ċirlewwa Sewda**
Isem Ingliż
**Black Tern**
Isem xjentifiku
*Chlidonias niger*

170 
Isem Malti
**Ċirlewwa Roża**
Isem Ingliż
**Roseate Tern**
Isem xjentifiku
*Sterna dougallii*



**Lista approvata minn BirdLife Malta. Għalkemm xi speċi magħrufin b'iktar minn isem wieħed, dawn huma l-ismijiet uffiċjali bil-Malti li tuża BirdLife Malta. L-ismijiet bl-Ingliż u xjentifiċi huma dawk li tuża BirdLife International (www.birdlife.org)**

Aron Tanti, John J Borg, Timothy Micallef

# Iżra' u kabbar!

Jekk taf fejn hemm **siġra tal-ballut** *(oak)*, bħalissa ż-żmien li din tagħmel il-ġandar(*acorns*). Dawn huma ż-żerriegħa tal-balluta, u faċli tiżragħhom u tkabbar siġar ġodda minnhom. Kulma għandek bżonn qasrija (jew pakket tal-ħalib jew *juice*) u ftit ħamrija. Jekk tinbitlek u tikbirlek iktar minn 10ċm tħallihiex fil-pakkett. Sib x'imkien fejn tħawwilha, pereżempju xi roqgħa ħamrija fir-raħal (staqsi l-kunsill), l-iskola (staqsi lill-*head*), eċċ. Il-ballut jgħix mijiet tas-snin!

Aqta' barra l-parti ta' fuq tal-pakkett.




Imla bil-ħamrija jew kompost.





Il-ġandar tal-ballut kultant jaqa' bil-kikkra. Din tista' tneħħiha.

Iżra' l-ġandra mimduda, u għattiha b'tikka ħamrija.



Żomm il-ħamrija ftit niedja u sakemm tinbet tista' żżommha fid-dell.

Victor Falzon

# Fejn waslu l-fkieren?



Għeżież tfal, kif intom? Illum irrid ngħidilkom ftit dwar l-avventura ta' Em' u Atua u fejn waslu fl-avventura tagħhom madwar il-Mediterran.

Jekk tiftakru kont għidtilkom dwar dawn iż-żewġt ifkieren li kienu qed jiġu mfejqa għand Nature Trust wara li weġġgħu minħabba t-tniġġis fil-baħar. Il-Bank of Valletta bil-programm Rebbiegħa ta l-flus biex jitwaħħlu żewġ satellite trackers fuq dahar il-fkieren. B'hekk issa nafu fejn qed iduru. Araw ir-ritratti t'hawn taħt!








Kemm jgħumu hux! Permezz ta' dawn it-trackers qed insiru nafu ftit iżjed fuq kif jimxu dawn il-fkieren permezz ta' aktar riċerka. Biex tkomplu ssegwu fejn mexjin Em u Atua tistgħu tidħlu fuq il-paġni ta' Facebook ta' Nature Trust-FEE Malta u Bank of Valletta. B'hekk tkunu dejjem aġġornati fejn waslu!

Vera kurjuż fejn se jmorru!

*Petitu*
(l-għasfur tal-bejt)

Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Zakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130.
Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta).

BOV Bank of Valletta

# Jagħtu!

Jagħtu!
Jagħtu!



Żewġ agretti bojod f'argument jaħraq, aktarx għax wieħed daħal fit-territorju tal-ieħor. L-annimali spiss ikollhom xi jgħidu fuq ħaġa jew oħra imma spiss ukoll li wara ftit jgħaddilhom u kulħadd ikompli għall-affari tiegħu, bla ħadd ma jweġġa'.












Ritratti ta' Aron Tanti fir-riserva naturali tal-Għadira

# Żumbrell Għarbi

## Sooty Falcon *Falco concolor*



Ritratt ta' Ian Balzan meħud fuq Kemmuna

# Poster Il-Ħuttafa



# Pollinators

ERA Environment & Resources Authority

Pollinators are extremely important to us mainly for food security. In fact, it is estimated that one out of every three bites of food we eat depends on pollinators! These incredible creatures transfer pollen between flowers, allowing plants to produce fruits, vegetables, nuts, and seeds.

Without sufficient pollination, food security would be impacted around the globe.
Factors threatening pollinators:

1. **Habitat loss.**
   Due to human development and deforestation, several bee habitats are being destroyed.

2. **Climate change is also a challenge for many species.**
   Rising temperatures and extreme weather events can disrupt the life cycles of pollinators and make it harder for them to find food and nesting sites.

3. **Invasive species can crowd out native flowering plants that pollinators rely on for food.**
   Invasive animal species may also compete with pollinators for resources or directly predate on them.

4. **Pesticides can directly kill pollinators or even indirectly** by contaminating the pollen and nectar they consume.





# Colour me!

Victor Falzon



## The Red Admiral

The red admiral is very easy to identify. It's our only black butterfly, and those red and orange stripes make it even more special. Males and females look quite alike and its Maltese name is farfett tal-ħurrieq. That's because its caterpillars eat the leaves of the nettle plant (ħurrieq). It's quite common, so you have probably seen this beautiful creature.

Désirée Falzon



**A red admiral caterpillar eating nettle leaves. Yum!**

## Art Gallery



**Seagull and fish**
Evie Sant Mercieca 5



**Send us your nature drawings so we can publish them here!**

**victor.falzon@birdlifemalta.org**

### Tixtieq tagħti donazzjoni lil BirdLife Malta?

Il-BirdLife ikollha ħafna spejjeż biex tmexxi l-attivitajiet u biex taħdem għan-natura.

Minn dal-QR code tista' tagħmel donazzjoni onlajn. GRAZZI!

### Għadek m'intix membru fi Klabb Ħuttaf?

- Tixtieq tidħol fil-Klabb?
- Tixtieq iġġedded?
- Tixtieq iddaħħal il-familja kollha?

Minn dal-QR code tista' tinqeda kollox onlajn. GRAZZI!



# Birding in the South



Hi, I'm Nathan Gambin, I'm 14 and I have been birding for 4 years. Here are some birding hotspots I visit in the south of Malta.

A place I visit often is the **MALTA INTERNATIONAL AIRPORT**, where in early spring you can observe raptors like **Marsh-harriers**, **pallid harriers** and **Montagu's harriers**. Sometimes the harriers roost in the long vegetation on the airport fields. Unfortunately many are shot when they emerge in the morning. Falcons like **common kestrels**, **lesser kestrels** and **red-footed falcons** are often seen here too, sometimes perching on poles to enjoy their meal.

In April, open-country birds include **greater short-toed larks** (which nest here), **tawny pipits** and **red-throated pipits**. This is a good place to observe the various subspecies of **yellow wagtails** since birds are usually within binoculars reach. Many hirundines are seen here too, such as **barn swallows**, **house martins**, **sand martins** and **red-rumped swallows**. **Common swifts**, **pallid swifts** and **Alpine swifts** are all regulars too, and photogenic **bee-eaters** too! In autumn the fields are quieter but may still hold surprises like **golden plovers** and **Northern lapwings**, and rare and exciting species like **common crane**. Commoner species like **skylark**, **meadow pipit** and **stonechats** are regularly seen.

**ĦAL FAR** is my favourite place in spring. From early April to early May it's one of the best places for passerines in the south. During strong winds and storms migrating birds often stop to shelter here. **Northern wheatears**, **black-eared wheatears** and **Isabelline wheatears** were all observed, and **collared flycatchers**, **pied flycatchers** and **spotted flycatchers** too. A small water reservoir can attract **Cetti's warbler**, **reed-warbler** and **sedge warbler**, with **nightingales**, **redstarts**, **blackcaps** and **icterine wablers** feeding on insects or berries from surrounding plants. My highlight here were a pair of **Rüppell's warblers**. On the garrigue I often see **whinchats**, **hoopoes** and **woodchat shrikes**.

Another place I like to visit is **BIRŻEBBUĠA**, a good place to see water birds such as gulls, terns and grebes. Around the bays here you get **Audouin's gulls** and **cormorants** resting on small boats, as well as **yellow-legged gulls**, **lesser black-backed gulls** and others. **Sandwich terns** fly over the open water just beyond the boats, and I have seen **great crested grebes** diving for fish here. **Common sandpipers** winter along the coast in this area, so look out for them too.

These are only some of the many good places to watch birds in the south. So head out and start birding.



Pallid Harrier



Audouin's Gull



Rüppell's Warbler

All photos by Nathan Gambin

The **Young Birders Club** is part of **Klabb Ħuttaf**. To join the group ask your parents to email **nicholas.galea@birdlifemalta.org**

# Mid-Djarju...

**Sensiela ħelwa ta' kitbiet minn studenti tas-sitt sena fl-iskola primarja Fgura B, li kitbu f'isem pjanti li jikbrulhom fil-Ġnien Dinja Waħda tal-iskola tagħhom.**

## Mid-Djarju ta' Ċistu Roża

Kitba ta' **Ella Spiteri** Yr 6.5

It-Tlieta, 9pm

Għażiż Djarju,

Illum kont ferħana ħafna għax kienet ġurnata xemxija u sabiħa, u qattajt ġurnata mal-ħabiba tiegħi Lelluxa. Konna qegħdin nitkellmu fuq it-tfal li kienu fil-ġnien jilagħbu. Staqsejt lil Lelluxa x'kienu qegħdin jilagħbu u ta' liema sena kienu. Lelluxa kurjuża bħali u riedet tkun taf, imma peress li konna 'l bogħod ma stajniex nisimgħu x'kienu qed jgħidu.

Dak il-ħin fjura oħra għajtitli: "Ċistu Roża! Ċistu Roża!" Staqsejtha x'kien ġara. Qaltli li dawk kienu tfal tar-raba' sena u li ftit minnhom kienu qegħdin jirfsu l-fjuri fil-ġnien. Imsarni niżlu f'saqajja bil-biża' għax jien l-isbaħ fjura u ma ridtx li jirfsuni! Lelluxa qaltli li m'għandix għalfejn ninkwieta u kkalmatni bi kliem ta' kuraġġ.

F'daqqa waħda qam riefnu u tajjarni bil-petali b'kollox! Ratni żunżana li taret għal ħdejja u niżżlitni lura fil-ġnien. Kien hemm tifla ħelwa u ħawlitni lura fil-ħamrija. Bħala ringrazzjament ħallejt liż-żunżana tieħu ftit nektar mill-fjuri tiegħi. Kemm nixtieq inkun naf x'jisimha dik it-tifla li għenitni!

Ma nafx, imma jien vera għajjejt wara dan kollu li ġrali llum. Sa ngħid talba f'qalbi u mmur norqod.

Dejjem tiegħek,

*Ċistu Roża*



Il-fjura taċ-ċistu roża jkollha ħames petali kbar

Desirée Falzon

Grazzi wkoll lill-għalliema ta' dawn l-istudenti Ms Christina Kitney




## Why is it called...



Victor Falzon

## ...a turtle-dove ?

The **turtle-dove** (*gamiema* in Maltese) is a beautiful bird of the pigeon family. It's smaller than the pigeons we see in town squares pecking titbits from the ground. The turtle-dove is not dark grey like ordinary pigeons, but has a grey-pinkish body, a grey-bluish head and a lovely brown-and-black speckled pattern on the back.

Turtle-doves fly to Malta in spring and autumn while they are on migration between Africa and Europe. They stop here to rest a bit from their long journey.

But why on earth is it called a **turtle**-dove? Look at the picture: does it really look like a turtle? Hmm, no! Maybe it swims like a turtle? Ha ha ha :) No, I don't think so!

So what is it?

Well, to learn the secret you have to listen to a turtle-dove singing. She goes *rrrrrrrr-rrrrr! rrrrrrrr-rrrrr! rrrrrrrr-rrrrr!* It's a lovely soft sound, like a cat purring. And from that *rrrrrrrr-rrrrr* song came the name **turrrr-tle** dove! Even the bird's scientific name is *Streptopelia* ***turtur***. There you are again: turrr-turrrr!

And voilà: mystery of the turtle-dove solved!




Victor Falzon

# SEA TURTLES IN THE MEDITERRANEAN SEA

MALTA NATIONAL
AQUARIUM

*Caretta caretta*
(Loggerhead; Fekruna komuni)

**The most common.**
**It nests in Malta.**

*Chelonia mydas*
(Green turtle; Fekruna ħadra)

**Common sightings but no nests in Malta.**

*Dermochelys coriacea*
(Leatherback; Fekruna sewda)

**Sporadic sightings.**







## DID YOU KNOW THAT THIS SUMMER THERE WAS A RECORD OF 8 LOGGERHEAD NESTS IN MALTA?

But without all the protection measures they could not survive!

Sighting and nesting are becoming more frequent, and WE ALL need to protect them.

If you find an entangled/injured sea turtle (either at sea or on the beach/rocks), a nesting female or hatchlings on the beach, please DO NOT DISTURB them! If you are in Malta, call:

WILD LIFE RESCUE TEAM
+356 9999 9505.





Guido Bonett



# il-Wiżgħa tad-Djar

F'Malta għandna disa' speċi ta' rettili tal-art. Fost dawn hemm il-wiżgħa tad-djar.

Bl-Ingliż jisimha **Turkish gecko** u l-isem xjentifiku huwa ***Hemidactylus turcicus***. Madankollu ma jfissirx li din l-ispeċi ġabha xi ħadd mit-Turkija. Sa fejn nafu hija [1]indiġena f'Malta.

Ngħidulha l-wiżgħa tad-djar għax hija l-wiżgħa li aktarx naraw kultant ma' xi ħajt fid-djar tagħna. Fin-natura, aktarx tgħix għall-kenn tal-għerien.

Il-wiżgħa tad-djar tixbah lill-wiżgħa tal-kampanja imma għandha xi differenzi, pereżempju hija iżgħar u iktar misluta minn tal-kampanja.

Għandha ġilda roża ċara b'xi dbabar, u tikki bojod imqabbżin.

Il-wiżgħa tad-djar għandha wkoll vuċi – bħal nebħa żgħira! Kultant f'xi lejla sajfija tismagħha 'tinbaħ' minn wara xi għamara!

Il-wiżgħa tad-djar hija notturna, jiġifieri ġeneralment toħroġ bil-lejl. Binhar torqod moħbija fi xquq jew wara l-għamara.

Il-wiżgħa tad-djar hija karnivora u tiekol kamla, brimb, dubbien, nemus, xini, kokroċ, eċċ. Ma tikolx pjanti!

Il-wiżgħa tad-djar mhix perikoluża, mhix se taqa' mis-saqaf għal fuq rasek u titħabbel f'xagħrek u ma xxerridx mard tal-ġilda.

Bħar-rettili l-oħrajn kollha, il-wiżgħa tad-djar hija mħarsa bil-liġi.




Victor Falzon




[1]**indiġena.** Minn dejjem kienet tgħix f'dak il-pajjiż jew reġjun

# National Museum of Natural History



Għal ħafna, Mużew tal-Istorja Naturali huwa mużew għat-tfal, iżda meta niġu ffaċċjati b'xi diżastru naturali, huwa proprju l-Mużew tal-Istorja Naturali li jipprovdi t-tweġibiet u dan għaliex il-kuraturi u riċerkaturi oħra li jaħdmu fil-mużew għandhom il-materjal għad-dispożizzjoni tagħhom. Isiru studji ġenetiċi, morfoloġiċi, u ħafna oħrajn. Għalhekk wieħed jifhem l-importanza ta' Mużew tal-Istorja Naturali. Dak ta' Malta jinsab l-Imdina u huwa wieħed minn diversi mużewijiet li nsibu fil-Mediterran li kollha jaħdmu għal għan wieħed – dak li nsiru nafu aktar dwar id-dinja naturali u dak kollu li nsibu fiha.

Heritage Malta